MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 249/2015

**Yes Media Limited**
**(C 62170)**

**Vs**

**The Mediteranean Wellbeing Company Limited**
**(C 40909)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Marzu, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi is-socjeta' attrici qed titlob is-somma ta' elf, mija u erbgha u sebghin Ewro u ghaxar centezmi (€1,174.10) oltre spejjez u imghaxijiet, rapprezentanti prezz ta' servizz ta' reklamar mibjugha lis-socjeta' konvenuta fuq ordnijiet taghha stess u li baqa' ma thallasx.

Minkejja li giet interpellata thallas diversi drabi din baqghet inadempjanti (ara kopja tal-ittra legali datata 12 ta' Frar, 2015 annessa u mmarkata bhala Dok B);

Qed jintalbu ukoll l-imghaxijiet dekorribbli mid-dati tal-fatturi relattivi (indikati fuq il-prospett anness u mmarkat Dok A) sad-data tal-effettiv pagament, bl-oghla rati permessi mill-ligi;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta ingunta in subizzjoni, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma’ dan l-avviz.

Is-socjeta’ konvenuta debitament notifikata eccepiet it-talbiet tas-socjeta’ attrici ghandhom jigu michudha fl-intier taghhom, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ attrici, stante illi;

1. Illi preliminarjament is-socjeta’ eccipjenti mhix il-legittima kontradittrici stante illi m’ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta’ attici.
2. Illi minghajr pregudizzju, jekk qatt saret xi ordni ghal xoghol, din kienet giet ikkancellata.
3. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez.

Din il-kawza titratta servizz ta’ reklamar li sar mis-socjeta’ attrici. Is-socjeta’ attrici resqet lil Monsigneur li huwa wkoll Managing Director tal-Kumpanija li spejga ill il-kumpanija tieghu dahlet f’kuntratt mas-socjeta’ konvenuta sabiex taghmel erbgha reklami u cioe erbgha xhur pero’ dan ir-reklam kull xahar jidher darba f’gazzetta Sunday Times u darba fit-Torca. Dan il-kuntratt gie ‘ffirmat minn Clayton Borg, pero’ fil-bidu tal-kuntratt hemm imnizzel isem is-socjeta’ The Mediterranean Wellbeing Company Limited’. Dan ix-xhud spjega illi l-kumpanija ghandha kundizzjonijiet sabiex wiehed jikkancela u cioe jrid ikun zmien bizzejjed wabel il-printing li s-socjeta’ attrici ma tkunx diga baghtet ix-xoghol ghall-printing jew inbeda l-process.

Is-socjeta’ konvenuta mistoqsija diversi drabi sabiex tindika l-legittimu kontradittu peress illi resqet l-ewwel eccezzjoni, naqset milli tindika l-persuna u sostniet illi ser tkompli bil-kaz taghha minghajr ma tindika l-legittimu kontradittur u minghajr ma tirtira l-ewwel eccezzjoni. Xehed Kenneth William Davidson li huwa d-

direttur tal-kumpanija konvenuta u spjega illi hu ma ordna xejn minghand is-socjeta' attrici. Il-persuna li ffirma l-kuntratt tas-socjeta' attrici u cioe' Claytin Borg ma kienx impjegat tas-socjeta' konvenuta izda kien imqabbad biss biex jikkonsulta mieghu l-istess xhud dwar kwistjoni ta' marketing. Ix-xhud spjega illi kull oggett tal-kumpanija jrid jigi operat minnu stess. Ix-xhud spjega illi sar jaf bl-insert fil-gazzetta wara lid an deher f'gazzetta u mmedjatament ikkuntatja lil Clayton Borg li min naha tieghu qallu li dik l-ordni kienet ikkancellata.

Xehdet Janet Whitfield li spjegat illi hi saret taf bl-insert meta rceviet il-kont minghand is-socjeta' attrici u wara kellmet lil Kenneth William Davidson.

Xehed Clayton Borg li spejga illi meta ghamel l-ordni u ffirma l-kuntratt mas-socjeta' attrici l-kariga tieghu fis-socjeta' konvenuta kienet li kien qed imexxilha hu. Hu qal illi kienu tawh x'jifhem illi r-reklam kellu jidher erba' darbiet f'xahar, darbtejn bil-lingwa Ingliza u darbtejn bil-lingwa Maltija pero gara illi r-reklam kien fil-verita ser jidher darbtejn f'xahar u kien ghalhekk illi kkancella l-ordni fl-ewwel gimgha ta' Awissu 2014.

It-Tribunal hawnhekk jinnota illi d-data tal-kancellament qablu fuqha kemm id-direttur tas-socjeta' attrici kif ukoll Clayton Borg li ffirma l-kuntratt. F'din id-data r-reklam kien diga nbeda l-process tieghu u ghalhekk is-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tieghu biss u mhux tar-reklami li gew kkancellati jew mizmuma.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi la kien hemm rabta ta' kuntratt u gialadarba l-process tal-printing inbeda allura dan ir-reklam ghalinqas l-ewwel wiehed li deher ghandhom jigi mhallas.

Madanakollu l-unika konvenut fil-kawza hija s-socjeta' 'The Mediterranean Wellbing Company Limited' u huwa inutile li din is-socjeta' tghid illi mhix il-legittimu kontradittur meta Clayton Borg kien qed jiehu sehem fit-tmexxija tal-kumpanija. It-Tribunal jassumi 'lli Clayton Borg kieniktar veritier fil-verzjoni tieghu minn dik ta' Kenneth William Davidson li qal illi kien biss jikkonsulta ma Clayton Borg. Baqa' ma jaghmilx sens meta Kenneth William Davidson jghid illi ma kien jaf

b’xejn. Dok VA1 juri li Kenneth William Davidson gie mibghut l-email tal-artwork u mistoqsi dwar jekk jintbaghatx lilt al-‘Yes’, allura dan juri li kien jaf x’kien qed jigri.

Fid-dawl ta’ dan il-konflitt fil-verzjoni tax-xhieda. It-Tribunal jemmen d-Direttur tas-socjeta’ attrici kif ukoll il-verzjoni ta’ clayton Borg.

It-Tribunal ghalhekk jilqa’ it-talbiet attrici u jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ elf, mija u erbgha u sebghin Ewro u ghaxar centezmi (€1,174.10) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv .

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------